*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,752, 26 ta' Frar, 1999*
*Taqsima B*

A.L. 49 ta' l-1999

## ATT DWAR IL-KONTROLL FUQ IL-KWALITÀ (ESPORTAZZJONIJIET, IMPORTAZZJONIJIET U OĠĠETTI LOKALI) (KAP. 225)

### Data tal-Bidu fis-Seħħ ta' l-Ordni ta' l-1999 dwar Apparat Elettriku ta' Vultaġġ Baxx (Ordni Nru. M37 ta' l-1999)

L-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* b'dan tavża illi l-Ordni ta' l-1999 dwar Apparat Elettriku ta' Vultaġġ Baxx (Ordni Nru. M37 ta' l-1999) tqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali) nhar it-8 ta' Frar, 1999 u li l-imsemmi Ordni għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu, 1999.

Iżda dak li jitlob paragrafu 6 ta' dan l-Ordni u l-marka CE ma jkunux jobbligaw qabel l-1 ta' Settembru, 1999 rigward:

(a) ħażniet ta' apparat elettriku ta' vultaġġ baxx li jkunu diġà ħarġu fis-suq qabel l-1 ta' Marzu, 1999;

(b) apparat elettriku ta' vultaġġ baxx ordnat qabel l-1 ta' Marzu, 1999 u importat ġewwa Malta sal-31 ta' Awissu, 1999.

Iżda dak li jitlob paragrafu 6 ta' dan l-Ordni u l-użu tal-marka CE ma jkunux jobbligaw qabel l-1 ta' Marzu, 2000 fir-rigward ta' apparat elettriku ta' vultaġġ baxx manifatturat f'Malta sad-29 ta' Frar, 2000.